**FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 14 ta’ Novembru 2022**

**Rikors Nru. 961/2016 GM**

**G. Spiteri And Sons Limited (C 12936)**

**vs**

**Francesco Saverio Cutajar (K.I. numru 316366M) u b’ digriet tat-18 ta’ Mejju 2017 is-soċjeta` Mapfre Middlesea plc (C 5553) interveniet fil-kawża in statu et terminis**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta` G. Spiteri and Sons Limited (C 12936) li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

1. Nhar id-disgħa ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (09.01.2016) għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħodu, seħħ incident fl-istabbiliment tas-soċjeta' rikorrenti, ossia fl-istabbiliment G. Spiteri and Sons Limited, Imdina Road; Zebbug, Malta, fejn il-konvenut Francesco Saverio Cutajar, li dak il-hin kien qiegħed isuq vettura b'numru ta' reġsitrazzjoni LCM-093 (liema vettura kienet assigurata mas-soċjeta' konvenuta

Mapfre Middlesea P.L.C.) baqa' dieħel ġo l-irħam appartenenti lis-soċjeta' rikorrenti, liema irħam kien imqiegħed fil-ġenb tal-istess stabbiliment bil-konsegwenza li għamel ħsara konsiderevoli fl-istess irham.

2. Is-soċjeta' rikorrenti sofriet ħsarat konsiderevoli b'riżultat tal-imsemmi incident.

3. Dan l-inċident seħħ esklussivament minħabba non-kuranza, traskuraġni u imprudenza daparti tal-konvenut Francesco Saverio Cutajar u nonostante l-fatt li huwa, flimkien mas-soċjeta' konvenuta Mapfre Middlesea P.L.C., ġew inlerpellati diversi drabi għall-hlas tad-danni, u dan anke permezz ta' ittra uffiċjali datata ħamsa ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (05.07.2016), il-konvenut baqa' inadempjenti.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

(i) prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident li seħħ nhar id-disgħa ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (09.01.2016) fl-istabbiliment tas-soċjeta' rikorrenti, ossia fl-istabbiliment G. Spiteri and Sons Limited, Imdina Road, Zebbuġ, Malta u għad-danni kollha sofferti mis-soċjeta' rikorrenti b'riżultat tal-imsemmi inċident;

(ii) tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti b'riżultat tal-inċident in kwistjoni, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;

(iii) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-soċjeta' rikorrenti d-danni kif likwidati.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-intimat Francesco Saverio Cutajar li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Preliminarjament, ir-rikors promotur huwa irritu u null u għalhekk l-intimat għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju, stante illi jonqsu l-formalitajiet rikjesti mil-liġi u senjatament peress li hija nieqsa d-dikjarazzjoni ta' liema fatti esposti jaf bihom personalment id-direttur tas-soċjeta’ rikorrenti u dan kif jitlob tassativament l-Artikolu 156 (1) (a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Preliminarjament ukoll, l-azzjoni tas-soċjeta’ rikorrenti hija intempestiva u anki vessatorja stante illi sa ftit żmien qabel ma saret din it-talba, ir-rappreżentanti tas-soċjeta’ rikorrenti u l-istess intimat kienu f'kommunikazzjoni mal-kumpanija assiguratriċi tal-intimat dwar l-inċident mertu tal-kawża, iżda f'daqqa wahda u bla preavviż, is-soċjeta’ rikorrenti ittentat din l-azzjoni intempestiva;

3. It-talbiet tas-soċjeta’ rikorrenti huma nfondata fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta’ rikorrenti stante li l-intimat

mhux responsabbli għad-danni li allegatament sofriet is-soċjeta’ rikorrenti ġaladatba dawn ġew ikkawżati f’inċident li seħħ meta l-istess intimat ġie mitlub mill-ħaddiema tas-soċjeta’ rikorrenti sabiex jidħol bil-vettura tiegħu f'maħżen fejn jinżamm l-irħam u l-istess intimat immanuvra l-vettura tiegħu skont struzzjonijiet mogħtija lilu mill-ħaddiema tas-soċjeta’ rikorrenti;

4. Għaldaqstant it-talbiet tas-soċjeta’ rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta’ rikorrenti;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta’ Mapfre Middlesea plc (C 5553) li permezz tagħha eċċepiet illi :-

1. Fl-1 ta' Jannar tas-sena 2016, is-soċjeta’ eċċipjenti ħarġet polza ta' assigurazzjoni tat-tip Commercial Third Party Only favur il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCM 093, proprjeta’ tal-intimat Francesco Saverio Cutajar, li ġġib in-numru P17-013497-16;

2. L-intimat ressaq claim taħt il-polza ta' assigurazzjoni msemmija rigwardanti inċident li fih kienet involuta l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LCM 093 li sehh gewwa l-istabbiliment ossia maħzen tas-soċjeta’ rikorrenti meta, wara li l-konvenut kien għabba xi materjal, beda jirriversja u laqat materjal appartenenti lis-soċjeta’ rikorrenti;

3. Ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta’ esponenti fir-rigward tal-vettura msemmija, ma hemmx kopertura għal *"liability caused or arising beyond the limits of any road in connection with the bringing of a load to your vehicle for loading onto it or the taking away of o load from your vehicle after unloading from it;*

4. Għalhekk, għalkemm fid-data tal-inċident mertu ta' din il-kawza, il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LCM 093 kienet assikurata mas-soċjeta’ eċċipjenti, ma hemmx kopertura taħt l-imsemmija polza għal kaz mertu ta' din il-kawża;

5. Inoltre u bla preġudizzju għall-premess, ladarba l-inċident in kwistjoni ma seħħx fi 'triq' hekk kif imfissra fil-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, ma temani ebda responsabilita' fil-konfront tas-soċjeta’ rikorrenti taħt dak l-Att u in partikolari sabiex is-soċjeta’ eccipjenti teżegwixxi ħlas li għalih jista' jiġi kundannat iħallas il-konvenut, l-assigurat tagħha;

6. Permezz ta' ittra uffiċjali prezentata fil-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-26 ta' Ottubru 2016, is-soċjeta’ eċċipjenti ġiet notifikata bl-atti ta' dawn il-proċeduri, u għalhekk teoretikament, tista' tiġi obbligata li teffettwa l-indennizz pretiż mis-soċjeta’ rikorrenti ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta u kwindi sar il-preżenti intervent fejn qiegħed jintalab illi jiġi dikjarat illi, in vista tas-suespost, is-soċjeta’ eċċipjenti

bħala assiguratur konċernat, ma għandhiex tkun obbligata illi teffettwa l-indennizz pretiz mis-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u fir-rigward tat-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti, fejn jirrigwarda s-soċjeta' esponenti ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur is-soċjeta' rikorrenti u f'kull kaz u bla preġudizzju għall-premess dawn għandhom jiġu pruvati sal-grad rikjest mil-liġi;

Rat l-atti tal-kawża.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku, kemm dak oriġinali kif ukoll dak addizzjonali, u t-tweġibiet tiegħu in eskussjoni.

Ikkunsidrat:

L-attriċi qiegħdha titlob ħlas ta' danni mingħand il-konvenut wara li dan irriversja t-trakk tiegħu fil-maħżen tal-attriċi u laqat u kisser xi rħam proprjeta` tagħha.

L-ewwel eċċezzjoni hi li r-rikors maħluf huwa null għaliex m'hemmx dikjarazzjoni mid-direttur tal-attriċi dwar liema fatti jaf bihom personalment. Din l-eċċezzjoni hija mingħajr bażi billi dan id-difett mhuwiex tax-xorta li jġib in-nullita` tal-atti, partikolarment billi ma ġab l-ebda preġudizzju lill-konvenut.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni l-konvenut jallega li l-kawża hija intempestiva billi saret mingħajr preavviż waqt li l-partijiet kienu f'komunikazzjoni tas-soċjeta` assikuratriċi tiegħu. Dwar din l-eċċezzjoni ma nġiebet l-ebda prova, li kienet tinkombi lill-konvenut u għalhekk ma tistax tiġi milqugħa.

Giorgio Spiteri fl-affidavit tiegħu jgħid li l-ħabta seħħet xi tliet minuti wara li huwa telaq minn fejn it-trakk tal-konvenut[1]. Ġie ikkontro-eżaminat Simon Spiteri, li jgħid li kien laħaq tbiegħed wara li għamel xi ftit tal-passi. Mhux ċar jekk hemmx xi żball fl-ismijiet. Jekk saru mill-istess persuna, il-verżjonijiet

[1] Fol 15.

mhumiex kompatibbli. Skont Simon Grech, il-konvenut qallu li ma kienx ra l-materjal.[2]

Il-konvenut jiċħad ir-responsabilita` tal-inċident. *A tempo vergine* l-konvenut stqarr mal-pulizija[3] sempliċiment li l-irħam ma raħx u ma jsemmix li kien hemm xi ħadd jurih huwa u jirriversja. Fir-risposta maħlufa jgħid li kienu qegħdin jarawlu xi ħaddiema tal-attriċi (skont Para. 3 tar-risposta ġuramentata[4]); imma meta xehed quddiem il-perit tekniku qal li waqt il-manuvra tiegħu suppost kien qiegħed jaralu "wieħed mill-aħwa" preżumibilment l-aħwa Spiteri, diretturi tal-attriċi. Qal ukoll li kellu miegħu lil uliedu; iżda ma pproduċa lil ħadd minnhom bħala xhud. Saru xi negozjati iżda fallew għaliex ma ntlaħaqx ftehim dwar il-kwantum tad-danni.

Minn dawn il-provi, anke jekk konfliġġenti, joħroġ ċar li l-konvenut ammetta r-responsabilita` a tempo vergine. Barra minn hekk, it-taħwid u kontradizzjonijiet fix-xhieda tiegħu, kif ukoll il-fatt li naqas milli jipproduċi prova importanti bħalma huma uliedu li kienu xhieda okulari – xejn ma jagħtu kredibilita` lill-konvenut.

Dwar il-kwantum tad-danni, il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiddiskosta ruħha miċ-ċifra ta' €24,587.90 milħuqa mill-perit tekniku.

L-intervenuta fil-kawża eċċepiet li l-eċċipent mhux kopert bil-polza tagħha billi l-inċident ma ġarax fit-triq; u illi għalhekk m'għandux jiġi applikat kontriha l-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-eċċezzjoni iżda tmur lil hinn mill-parametri ta' din il-kawża hekk kif posti mir-rikors ġuramentat u mir-risposta ġuramentata. Hawnhekk l-intervenuta mhux qiegħdha ssostni t-talbiet jew l-eċċezzjonijiet, imma qiegħdha tressaq eċċezzjonijiet – jekk mhux ukoll kontro-talba – li jkopru relazzjoni ġuridika differenti minn dik in kawża. Dan meta proprjament l-intervenjent la huwa attur u lanqas konvenut, imma sempliċi *spettatore della lotta*. Għalhekk il-Qorti mhix sejra tieħu konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni.

[2] Fol 133.
[3] Fol 123.
[4] Fol 8.

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut.

2. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident li seħħ nhar id-9 ta' Jannar tas-sena 2016 fl-istabbiliment tas-soċjeta' rikorrenti, ossia fl-istabbiliment G. Spiteri and Sons Limited, Imdina Road, Zebbuġ, Malta u għad-danni kollha sofferti mis-soċjeta' rikorrenti b'riżultat tal-imsemmi inċident;

3. Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti b'riżultat tal-inċident in kwistjoni fis-somma ta' €24,587.90.

4. Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-soċjeta' rikorrenti d-danni kif likwidati.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut, u l-intervenuta fil-kawża tħallas l-ispejjeż tagħha.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA